**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TAL-ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawża Numru: 349/2010**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Johann J. Fenech)**

**vs**

**Brian Barbara**
**(ID 307775(M))**

**Illum: 29 ta' Mejju 2019**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront ta' l-imputat **Brian Barbara** ta' 34 sena, imwieled il-Pieta` fis-16 ta' Mejju 1975, bin Louis u Victoria nee` Desira, residenti Nru. 14, Triq il-Lvant, Żejtun jew Nru. 14, Triq Santa Marija, Żejtun, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 307775(M);

Akkużat talli fil-15 ta' Jannar 2010 u matul ix-xhur ta' qabel din id-data f'dawn il-Gżejjer:

1. Biegħ jew xort'oħra traffika fir-raża meħuda mill-pjanta *cannabis* jew f'xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi dina r-raża, u dan bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll;

2. Kellu fil-pussess tiegħu r-raża meħuda mill-pjanta *cannabis* jew f'xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi dina r-raża bi ksur tal-Art. 8(a) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-liġi tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' l-esperti skond l-Artikolu 533(1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti esebiti, inkluż l-Ordni ta' l-Avukat Generali ai termini tal-Artikolu 22(2) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat illi fis-seduta tal-20 ta' Ottubru 2014, il-partijiet iddikjaraw li kienu qegħdin jeżentaw lill-Qorti, kif preseduta, milli terġa' tisma' l-provi mressqa fil-kawża sa dakinhar quddiem il-Qorti kif diversament preseduta;

Semgħet it-trattazzjoni finali tad-difiża u dan fil-waqt illi rat li l-Prosekuzzjoni rrimettiet ruħha għall-provi prodotti.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-fatti fil-qosor li taw lok għal dan il-każ kienu s-segwenti: Nhar id-19 ta' Ġunju 2009, Pulizija mill-Iskwadra ta' Kontra d-Droga għamlu spezzjoni qrib il-bandli ta' Ħal-Ghaxaq, u hemmhekk sabu lil ċertu Bjorn Dalli fil-pussess tar-raża tal-*cannabis*. Dan ġie arrestat u investigat mill-Ispettur (illum Supretendent) Johann J. Fenech u fl-istqarrija rilaxxjata minnu, Dalli indika lill-persuna li mingħandha allegatament kien jixtri r-raża tal-*cannabis* bħala l-imputat odjern. Fi kliem l-Ispettur Fenech: "*għena wkoll biex inkun nista' insib lil dan il-bniedem li qalli hu li xtara d-droga minn għandu biex inkun nista' ninvestigah*".[1] L-istess Dalli ikkonferma l-istqarrija tiegħu bil-ġurament quddiem il-Maġistrat Inkwirenti u sussegwentement, a bażi ta' din l-informazzjoni u fuq skorta ta' mandat ta' tfittxija u arrest, esegwit nhar il-15 ta' Jannar 2010, il-pulizija insegwiet u interċettat lill-imputat odjern ġewwa Raħal Ġdid fejn, wara tfittxija fil-vettura tiegħu, instabu żewġ biċċiet fil-*foil* suspettati raża tal-*cannabis*, filwaqt li fuq il-persuna tiegħu, instabet is-somma ta' mija u ħamsin ewro (€150). Ġiet elevata wkoll is-somma ta' sitt mija u ħamsin ewro (€650) mir-residenza tat-tfajla tal-istess imputat, liema somma eventwalment ġiet rilaxxjata lura lilu.

[1] Ara a fol. 10 tal-proċess.

**Ikkunsidrat**:

Illi permezz ta' dawn il-proċeduri, l-imputat qed jiġi akkużat fl-ewwel lok, bir-reat ta' traffikar tar-raża tal-*cannabis* u fit-tieni lok, bil-pussess 'sempliċi' tar-raża. **PC 213 Nikolai Borg** jixhed illi fil-15 ta' Jannar 2010, meta kien ma' PC 230, huwa ra lill-imputat odjern għaddej b'vettura sewda Pajero. Huma segwewh u waqqfuh ġewwa Raħal Ġdid, fejn saritlu tfittxija fil-vettura tiegħu u hemmhekk instabu żewġ biċċiet suspettati raża tal-*cannabis* imdawrin fil-*foil*. Instabet ukoll is-somma ta' €150.[2] Dan ġie kkonfermat ukoll minn PS 635 Alan Calleja.[3]

Mir-relazzjoni tal-espert **ix-Xjenzat Godwin Sammut**, maħtur f'dawn il-proċeduri, jirriżulta illi fl-estratti meħuda mis-sustanzi ta' lewn kannella (misjuba fil-pussess tal-imputat odjern), instabet is-sustanza *Tetrahydrocannabinol* li hija sustanza li tiġi mill-pjanta tal-*cannabis*. Il-piż tas-sustanzi kien ta' 18.45 grammi u l-purita` kienet ta' ċirka 6%.[4]

**L-imputat** xehed f'dawn il-proċeduri, f'liema xhieda huwa kkonferma li kellu din is-sustanza fil-pussess tiegħu.[5]

Għaldaqstant din l-imputazzjoni tirriżulta sodisfaċentement ippruvata.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Illi fil-waqt li l-imputat jammetti l-pussess tar-raża tal-*cannabis*, huwa jiċħad li b'xi mod biegħ jew traffika din is-sustanza. Dwar dan, fit-trattazzjoni finali tagħha, id-difiża ssostni illi mix-xhieda konfliġġenti tax-xhud Bjorn Dalli, din il-Qorti ma tistax tasal sabiex issib ħtija fl-imputat, fil-grad rikjest mil-liġi, dwar l-ewwel imputazzjoni. Oltre minn hekk, tgħid id-difiża, l-imputat odjern dejjem kien konsistenti fil-verżjoni tiegħu, kemm dik mogħtija minnu *a tempo vergine* fl-istqarrija rilaxxjata minnu, dak iż-żmien mingħajr id-dritt li jottjeni parir legali qabel l-interrogatorju tiegħu, liema stqarrija ġiet ikkonfermata minnu bil-ġurament tiegħu f'dawn il-proċeduri, kif ukoll fix-xhieda tiegħu f'dawn il-proċeduri. Skont id-difiża, l-imputat dejjem sostna illi r-raża tal-*cannabis* misjuba fil-pussess tiegħu kienet intiża biss għall-użu personali tiegħu u xejn iżjed u dan stante illi dak iż-żmien huwa

[2] Ara a fol. 48 u 49 tal-proċess.
[3] Ara a fol. 87 u 88 tal-proċess.
[4] Ara din ir-relazzjoni a fol. 21 *et seq* tal-proċess.
[5] Ara din ix-xhieda a fol. 115 sa 133 tal-proċess.

kien jagħmel użu pjuttost sostanzjali minn din id-droga, u in oltre dejjem ċaħad li kien ibiegħ ir-raża.

Jirriżulta mill-atti illi l-pulizija waslet għall-imputat odjern a bażi tal-informazzjoni mogħtija minn Bjorn Dalli li stqarr li huwa kien jakkwista r-raża tal-*cannabis* mingħand ċertu Brian magħruf bħala 'l-Fifi'. Skont il-Prosekuzzjoni, kien l-istess Bjorn Dalli li forna lill-pulizija bid-dettalji tal-imputat ossia l-vettura li dak iż-żmien kien jaf li tintuża minnu u bin-numru tal-*mobile phone* tiegħu, u li kien b'riżultat ta' dawn id-dettalji, li huma setgħu jaslu sabiex jidentifikaw lill-imputat odjern.

Huwa evidenti mill-atti illi l-unika prova li ressqet il-Prosekuzzjoni fil-konfront ta' l-imputat, in sostenn tal-ewwel imputazzjoni, hija l-istqarrija rilaxxjata minn Bjorn Dalli[6], kif ikkonfermata minnu quddiem il-Maġistrat Inkwirenti[7], flimkien mal-ewwel xhieda ta' l-istess Bjorn Dalli f'dawn il-proċeduri[8]. Bjorn Dalli irrilaxxja stqarrija nhar l-20 ta' Ġunju 2009. Dakinhar huwa stqarr hekk fir-rigward tas-sustanza misjuba fil-pussess tiegħu:

> *"Xtrajtha minghand wiehed jismu Brian li joqghod iz-Zejtun. Naf li n-numru tal-'mobile' tieghu huwa 79976055 u ghandu Mitsubishi Pajero iswed, izda n-numru tieghu ma nafux. Naf ukoll li jghidulu 'l-fifi'."*[9]

Sussegwentement Dalli ġie muri ritratt u mistoqsi jekk kienx jaf jgħid min hi din il-persuna, huwa kkonferma li din kienet l-istess Brian li kien indika bħala l-persuna li fornietu bir-raża. Jgħid ukoll illi huwa kien xtara l-biċċa raża tal-*cannabis* li nstabet fil-pussess tiegħu bil-prezz ta' €25 u li kien ilu jixtri xhur mingħand Brian. Jgħid ukoll illi sabiex jakkwista d-droga mingħandu, huwa kien iċempillu u jiftehmu biex jiltaqgħu, ġieli ħdejn l-*SGS*, iżda l-biċċa l-kbira fil-*bypass* ta' Ħal Għaxaq. Iżid jgħid illi dan ġieli jagħtih r-raża barra l-vann u ġieli jgħabbih ġewwa, iħallilu l-flus u hu jagħtih id-droga. Jgħid ukoll illi ġieli kien jixtri darba kull ħmistax jew tliet ġimgħat, skont ix-xogħol li kien ikollu dan Brian u li ġieli kien jixtri biċċa ta' €25 u ġieli biċċa ta' €70.

Jirriżulta illi fl-24 ta' Ġunju 2009, Dalli kkonferma din l-istqarrija tiegħu quddiem il-Maġistrat Inkwirenti u żied jgħid illi kien ilu jixtri r-raża tal-*cannabis* mingħand Brian xi 7 xhur u li dejjem kienu jikkomunikaw bit-telefon biex jiltaqgħu. Jgħid ukoll illi dan rari ma qdiehx meta ċempillu, u illi wara kien jaqdih fi ftit jiem.

[6] Ara din l-istqarrija a fol. 5 u 6 tal-proċess verbal, esebit a fol. 9 tal-proċess.
[7] Ara a fol. 8 sa 15 tal-proċess verbal.
[8] Ara a fol. 50 sa 83 tal-proċess.
[9] Ara a fol. 6 tal-proċess verbal.

Mistoqsi mill-Maġistrat Inkwirenti jekk kienx ċert minn dak li kien qed jgħid, ix-xhud wieġeb "*Iva u jiena xtaqt li ma nidhirx quddiemu*".[10]

Bjorn Dalli ġie wkoll prodott mill-Prosekuzzjoni sabiex jixhed f'dawn il-proċeduri. F'din l-istanza, kuntrarjament għall-istqarrija preċiża u mingħajr tlaqliq fl-assenza tal-imputat, Dalli kien evażiv u retiċenti għall-aħħar, għalkemm finalment ikkonferma li huwa kien jakkwista r-raża mingħand l-imputat odjern, b'dan illi jgħid illi huwa ma kienx 'xtara' s-sustanza mingħand l-imputat, iżda kien 'ġabha' mingħandu u mbagħad ħallsu tagħha, u li għalhekk lill-imputat ma jafux bħala xi *dealer* jew traffikant tad-droga, iżda kien sempliċiment jagħmillu pjaċir u jfornih bir-raża – fi kliemu "*jien m'ghidtlekx li huwa dealer.*"[11] Huwa evidenti fil-fehma tal-Qorti illi la darba fil-presenza tal-imputat, ix-xhud ma xtaqx jikkonferma li huwa kien jakkwista r-raża tal-*cannabis* mingħandu, kif wara kollox, diġa` kien iddikjara quddiem il-Maġistrat Inwkirenti u ċioe` li huwa ma xtaqx jidher quddiem l-imputat, kif huwa evidenti wkoll illi huwa pprova jtaffi s-sitwazzjoni għall-istess imputat billi jipprova jagħti x'jifhem illi l-imputat kien sempliċiment qed jagħmillu pjaċir meta fornih bid-droga. Għalkemm Dalli ma xehedx quddiem din il-Qorti kif preseduta fl-ewwel okkażżjoni li fiha ħa l-pedana tax-xhieda fit-3 ta' Novembru 2012, ir-retiċenza tal-istess xhud tirriżulta bil-wisq evidenti mit-traskrizzjoni ta' din ix-xhieda u anke mill-mod illi l-Qorti, kif diversament preseduta, indirizzat lill-istess xhud f'parti mix-xhieda tiegħu. Imbagħad, dwar ix-xhieda ta' Dalli in kontro-eżami, quddiem din il-Qorti kif preseduta, tat-13 ta' Frar 2015, din il-Qorti, li allura kellha l-opportunita` li tifli l-komportament tal-istess xhud, m'għandhiex wisq xi tgħid ħlief illi kien tassew evidenti li x-xhud ma kien xejn veritier f'dak li qal. Ċertament illi din ix-xhieda tiegħu in kontro-eżami ma hija kredibbli xejn u mhux ta' min jorbot fuqha.

Wara li l-Qorti fliet bir-reqqa x-xhieda ta' Dalli kemm quddiem il-Maġistrat Inkwirenti, kif ukoll f'dawn il-proċeduri, m'għandhiex dubju illi huwa tassew minnu illi huwa kien akkwista r-raża tal-*cannabis* mingħand l-imputat odjern, f'diversi okkażżjonijiet, kif jgħid oriġinarjament fl-istqarrija li huwa rrilaxxja lill-pulizija u kif konfermata minnu quddiem il-Maġistrat Inkwirenti. Fl-ewwel lok, kien l-istess Dalli li pprovda lill-pulizija b'ċerti dettalji dwar l-imputat odjern, dettalji li wħud minnhom effettivament ġew ikkonfermati, bħal vettura li kien isuq l-istess imputat ukoll deskritta minn PS 635 Alan Calleja bħala Mitsubishi Pajero, għalkemm din kienet fil-fatt Mitsubishi Shogun[12], u li din kienet sewda kif jgħid ix-xhud[13], li l-

[10] Ara a fol. 14 tal-proċess verbal.
[11] Ara a fol. 66 tal-proċess.
[12] Ara a fol. 92 tal-proċess, esebit minn Stephen Cachia in rappreżentanza ta' l-Awtorita` dwar it-Trasport.
[13] Ara x-xhieda ta' PC 213 Nikolai Borg, a fol. 48 tal-proċess u d-dokument a fol. 92 tal-proċess.

imputat kien jirrisjedi ż-Żejtun[14] u anke li kien imlaqqam 'il-Fifi'. Dan il-laqam jikkonfermah l-imputat stess meta kkonferma l-istqarrija tiegħu bil-ġurament f'dawn il-proċeduri, u in oltre mill-messaġġi kontenuti fil-*mobile phone* elevat mill-pussess tal-istess imputat, jirriżulta wkoll dan il-laqam. Hekk per eżempju, messaġġ minnhom jgħid "*Aw fif xanna gej lejla int jw?*" u ieħor "*Aw fif. Ma gejc bierah kemm kilna?*"[15] Huwa evidenti anke minn qari tal-istqarrija ta' Dalli, illi kien biss wara li x-xhud provda din l-informazzjoni lill-Ispettur Johann J. Fenech, illi dan tal-aħħar wasal għall-imputat u wera lix-xhud ritratt tiegħu, liema xhud ikkonferma li dan kien l-istess Brian li rrefera għalih fl-istqarrija tiegħu u quddiem din il-Qorti, kif diversament preseduta, ikkonferma li dan kien juri lill-imputat odjern. Jgħid hekk l-Ispettur Johann J. Fenech fix-xhieda tiegħu dwar dan il-punt u b'referenza għal Dalli: "*Dakinhar ukoll kien tghani l-mobile number tieghu li kien qed jaghmel uzu minnu dakinhar ... Qalli wkoll li dakinhar kellu Mitsubishi ta' lewn iswed, van u ghena wkoll biex inkun nista' insib lil dan il-bniedem li qalli li hu xtara d-droga minn ghandu biex inkun nista' ninvestigah. Fil-fatt hekk sar, dan il-bniedem, minn tfittxijiet li ghamilt fuq il-PIRS telgha li kien Brian Barbara ID Card No. 307755M, illi veru kellu van Mitsubishi iswed Pajero bin-numru JBL785 u fil-fatt kif urejtu kopja tar-ritratt tieghu, dan il-bniedem, qalli li kien hu*".[16] Il-Qorti tqis illi din hija l-verżjoni plawsibbli ta' kif seħħ il-każ u mhux kif tipprova tissuġġerixxi d-difiża fil-kontro-eżami tagħha tax-xhud Dalli illi x-xhud ġie muri r-ritratt mill-pulizija qabel ma huwa kien ta informazzjoni dwar l-imputat jew illi l-pulizija ssuġġerew lix-xhud illi kien l-imputat li fornih bid-droga. Għas-suġġeriment tad-difiża fis-sens illi "*inti qed tghidli li kienu l-pulizija li indikawlek minghand min inti kont suppost tixtri u ma kontx inti li ghidtilhom, naqblu?*", Dalli wieġeb hekk: "*Jiena nahseb li giet li qisni jiena li ghidtilhom, ghax huma raw il-messagg, imbaghad kif bdew jaraw hafna affarijiet speci ammettejt jiena fhimt?*"[17] u jgħid in oltre illi l-Ispettur ma wriewhx ir-ritratt tal-imputat mill-ewwel, apparti illi jikkonferma wkoll illi l-laqam tal-imputat kien imniżżel fuq il-*mobile phone* tiegħu bħala 'Fifi'.

Ta' min jgħid ukoll illi fix-xhieda tiegħu in eżami, quddiem il-Qorti kif diversament preseduta, l-imputat jerġa' jikkonferma li huwa kien jakkwista r-raża tal-*cannabis* billi jiltaqa' mal-fornitur tiegħu ġewwa Ħal Għaxaq u meta mistoqsi jekk kienx minnu dak li semma' fl-istqarrija tiegħu – li kien jiltaqa' miegħu fil-*bypass* ta' Ħal Għaxaq, ħdejn l-*SGS* u li jħallas €25 jew €70 – wieġeb li ma kienx ser jivvinta dettalji bħal dawn, għalkemm ma kienx jiftakar kollox u f'punt ieħor, meta mistoqsi mill-

[14] Ara x-xhieda ta' PS 635 Alan Calleja, a fol. 87 tal-proċess u x-xhieda tal-istess imputat fis-sens illi dak iż-żmien kien jgħix mat-tfajla ossia r-residenza ġewwa ż-Żejtun fejn instabet is-somma ta' €650.

[15] Ara r-relazzjoni ta' Dr. Martin Bajada esebita a fol. 35 *et seq* tal-proċess u dawn il-messaġġi a fol. 47 tal-proċess.

[16] Ara din ix-xhieda a fol. 10 u 11 tal-proċess.

[17] Ara a fol. 76 tal-proċess.

Qorti jekk kienx ivvinta d-dettalji mogħtija lill-Ispettur, huwa wieġeb "*Le, dazgur li le*".[18] Minkejja li l-istess xhud jgħid ukoll illi huwa ried ibiddel l-istqarrija tiegħu wara li rrilaxxjaha, iżda l-Ispettur Fenech ma ħallihx jagħmel dan, il-Qorti tirrileva illi la darba quddiem il-Maġistrat Inkwirenti, huwa mhux talli ma biddilx din l-istqarrija, iżda kkonfermaha, u dan għamlu mhux dakinhar tal-istess stqarrija tiegħu, iżda ben erbat ijiem wara, meta għal darb'oħra quddiem il-Maġistrat Inkwirenti jgħid illi xtaq jikkonferma din l-istqarrija, kif fil-fatt għamel u illi din l-istqarrija kienet tikkontjeni l-verita`. In kontro-eżami, imbagħad, quddiem il-Qorti kif diversament preseduta, għalkemm jibqa' jgħid illi l-imputat ġablu d-droga bħal biex jagħmillu pjaċir u mhux li huwa xtara mingħand l-istess imputat, jerġa' jikkonferma li kien l-imputat li fornih bid-droga u li huwa ħallsu għal dak li kien xtara.

Huwa evidenti wkoll għal din il-Qorti illi x-xhud Bjorn Dalli ma qalx is-sewwa meta xehed in kontro-eżami quddiem din il-Qorti kif preseduta. Apparti dak li rrilevat il-Qorti iżjed 'il fuq dwar il-komportament tax-xhud waqt ix-xhieda tiegħu, din id-darba jgħid illi lill-imputat ma jafux u li sar jaf min hu meta rah l-ewwel darba fil-Qorti, meta huwa evidenti anke minn dak li jgħid waqt ix-xhieda preċedenti tiegħu li dan ma kienx il-każ, bħal per eżempju meta jikkonferma li l-laqam tal-imputat kien imniżżel fuq il-*mobile phone* tiegħu bħala 'Fifi'. In oltre li kieku verament Bjorn Dalli ma kienx jaf lill-imputat, kif kien possibbli għalih li jipprovdi dettalji preċiżi dwaru? Jista' jkun li għandu mis-sewwa dak li xehed Dalli f'dawn il-proċeduri li lill-imputat sar jafu biss ġewwa l-awla tal-Qorti meta kien huwa stess li forna d-dettalji tiegħu lill-pulizija u saħansitra għaraf lill-persuna fir-ritratt muri lilu bħala l-imputat odjern? Tista' din il-Qorti tikkunsidra x-xhieda ta' Dalli in kwantu jgħid illi huwa kien indika lill-imputat bħala l-fornitur għaliex kien imbeżża' bħala kredibbli meta fl-istess nifs jgħid li ma kienx jafu? Kien b'kumbinazzjoni wkoll illi l-imputat, wara informazzjoni mogħtija minn Bjorn Dalli, inqabad proprju fil-pussess tal-istess sustanza li Dalli jgħid illi kien jakkwista mingħand l-imputat, ossia raża tal-cannabis, fil-vettura tal-istess għamla li kien indika Bjorn Dalli? Wieħed jista' ikompli jistaqsi: Jekk Dalli tassew kien imbeżża' mill-puliżija, kien imbeżża' wkoll meta huwa deher sabiex minn jeddu jikkonferma l-kontenut ta' l-istqarrija tiegħu quddiem il-Maġistrat Inkwirenti? U jekk dan kien il-każ, Bjorn Dalli ma beżax meta, fil-presenza tal-imputat, ġie ppressat mhux bi ftit mill-abbli Uffiċjal Prosekutur u reġa' kkonferma dak li kien preċedentement stqarr u li minn jeddu għoġbu jikkonferma quddiem il-Maġistrat Inkwirenti?

Li dak li jgħid ix-xhud in kontro-eżami quddiem din il-Qorti kif preseduta m'għandux mis-sewwa jirriżulta wkoll mix-xhieda tiegħu quddiem il-Maġistrat

---

[18] Ara a fol. 65 tal-proċess.

Inkwirenti. Quddiem din il-Qorti, huwa jgħid illi lill-Maġistrat Inkwirenti, huwa kien qalilha li fl-ebda ħin ma ried jixhed "*u hi qaltli kelma b'kelma ha nghidlek, 'Jekk ma tridx tixhed, tpejjipx joints'. Dak kien il-kliem tal-Magistrat. Niftakru sewwa. Hekk kienet qaltli.*"[19] Jirriżulta s-segwenti mix-xhieda ta' Dalli quddiem il-Maġistrat Inkwirenti:

"*Qorti: Irrilaxxjajt M. Inti dik l-istqarrija u dak li ghidt lill-ispettur ser tikkonfermah hawn bil-gurament. Trid tikkonfermaha?*

*Xhud: Iva*

*Qorti: U la hadt il-gurament, dak li ser tghid hawn irid ikun il-verita. Qed niftehmu?*

*Xhud: Iva.*"

Hawnhekk inqrat lix-xhud l-istqarrija li huwa kien irrilaxxja lill-pulizija u wara li sarulu xi domandi oħra mill-Maġistrat Inkwirenti in konnessjoni mal-istess, din ix-xhieda tkompli hekk:

"*Qorti: ...Trid izzid xi haga ohra?*

*Xhud: Ma rrid inzid xejn maghha hux*

*Qorti: Cert minn dak li qed tghid hawn hekk?*

*Xhud: Iva u jiena li xtaqt li ma nidhirx quddiemu*

*Qorti: dik mhux xewqa tieghek. Hawn hekk itellghu tixhed u jkollok tixhed. Jekk ma kinitx xewqa tieghek tidhol f'dawn il-problemi taf x'soluzzjoni ghandek fil-hajja?*

*Xhud: Ghidli*

*Qorti: Tiehux droga u ma taffaccja lil hadd.*"[20]

Jirriżulta ċar għalhekk mis-siltiet hawn ikkwotati illi mhux minnu dak li jgħid ix-xhud Dalli illi kważi kważi l-Maġistrat Inkwirenti ġegħlitu jixhed quddiemha u

---

[19] Ara a fol. 105 tal-proċess.

[20] Ara x-xhieda ta' Bjorn Dalli, a fol. 8 sa 15 tal-proċess verbal.

lanqas li huwa qalilha li ma riedx jixhed. Kien biss wara li temmet ix-xhieda tiegħu u wara li huwa kkonferma li dak li kien qal fl-istqarrija tiegħu kienet il-verita` li huwa esprima x-xewqa tiegħu li ma jidhirx quddiem l-imputat (sabiex jixhed) u kien biss f'dan l-istadju illi l-Maġistrat Inkwirenti qaltlu li la darba jitħarrek bħala xhud allura ma kellux għażla ħlief li jixhed u li sabiex jevita tali problemi, allura s-soluzzjoni tiegħu kienet li ma jagħmilx użu mid-droga. Il-Qorti tqis ukoll in-nuqqas ta' kredibilita` u inverosimiljanza f'dak li jgħid ix-xhud fis-sens illi d-dettalji dwar l-imputat indikati minnu fl-istqarrija tiegħu tahomlu l-Ispettur stess u ma kienx hu allura li pprovdihom – donnu l-Ispettur Fenech kien ser jipprovdi dawn id-dettalji huwa stess lix-xhud Dalli u mbagħad inizzilhom fl-istqarrija daqs li kieku pprovdihom ix-xhud!

**Ikkunsidrat ukoll:**

Illi din m'hijiex l-ewwel – u bla dubju m'hijiex ser tkun l-aħħar - okkażżjoni fejn il-Qorti ġiet rinfaċċjata b'ċirkostanzi bħal dawk tal-lum. F'dan il-kuntest, issir referenza għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Pierre Gravina**, tas-26 ta' Mejju 2003, fejn ġie ritenut is-segwenti dwar stqarrija ġuramentata:

*"anke meta l-prosekuzzjoni tkun trid tagħmel użu minn dikjarazzjoni ġuramentata meħuda skond l-imsemmi Artikolu 30A, ir-regola għandha tkun li min ikun għamel dik l-istqarrija għandu jinġieb fil-qorti biex l-imputat jew akkużat ikun jista' jikkontroeżaminah dawrha. S'intendi, dan ma jfissirx li jekk ix-xhud, meta jiġi eżaminat jew kontro-eżaminat, ibiddel jew jirritratta minn dak li jkun qal fid-dikjarazzjoni ġuramentata, allura dik id-dikjarazzjoni (jew il-parti mibdula jew ritrattata) ma tkunx aktar tista' tittieħed bħala prova kontra l-akkużat; il-gudikant jista' xorta waħda, wara li jkun sema' lix-xhud, jasal għall-konkluzzjoni li il-verita` hija dik kontenuta fl-istqarrija ġuramenetata u mhux dak li jkun iddepona fil-qorti x-xhud. Ifisser biss li, bħala regola, min ikun għamel tali stqarrija ġuramentata għandu jinġieb il-qorti għall-fini ta' kontroll da parti tal-akkużat jew imputat..."*.

Illi kollox jiddependi fuq il-kwistjoni tal-kredibilita` li għandha tingħata lix-xhud ewlieni tal-Prosekuzzjoni ossia Bjorn Dalli, li fl-istqarrija minnu rilaxxjata lill-pulizija u kkonfermata quddiem il-Maġistrat Inkwirenti, indika lill-imputat odjern bħala l-persuna li mingħandha kien xtara r-raża tal-*cannabis* fix-xhur ta' qabel. Skont l-Artikolu 638(2) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, f'kull kaz, ix-xhieda ta' xhud wiehed biss, jekk emmnut minn min għandu jiġġudika fuq il-fatt, hija biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie pruvat minn żewġ xhieda jew aktar. L-Artikolu 637 imbagħad jiddisponi illi f'kwistjonijiet

li jolqtu l-kredibilita` ta' xhud, għandu jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda għandhiex mis-sewwa, jekk hix konsistenti u ta' fattizzi oħra tax-xhieda tiegħu, jekk dik ix-xhieda hix imsaħħa minn xhieda oħra u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ. Ġie imbagħad ritenut illi mhux kull kunflitt fil-provi jwassal neċessarjament għal-liberazzjoni tal-persuna akkużata, imma l-ġudikant irid jara lil min ser jemmen u f'hiex ser jemmnu u ma jemmnux, tenut kont tal-kriterji kontenuti fl-Artikolu 637 appena imsemmija (Qorti tal-Appell Kriminali, **Il-Pulizija vs Joseph Thorne**, deciza fid-9 ta' Lulju 2003).

In oltre skont l-Artikolu 30 tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, meta persuna tkun xtrat jew xort'oħra kisbet jew akkwistat mediċina bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza, ix-xhieda ta' dik il-persuna fi proċedimenti kontra l-persuna li mingħandha tkun xtrat, kisbet jew akkwistat il-mediċina, m'għandhiex għalfejn tkun korroborata b'ċirkostanzi oħra. Imbagħad skond l-Artikolu 30A tal-Kap. 101, minkejja d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 661 tal-Kap. 9, meta xi persuna tkun involuta f'xi reat kontra dik l-Ordinanza, kull dikjarazzjoni magħmula minn dik il-persuna u li tiġi konfermata bil-ġurament quddiem maġistrat, tista' tinġieb bi prova kontra kull persuna oħra akkużata b'reat kontra l-imsemmija Ordinanza, kemm il-darba jinstab li dik id-dikjarazzjoni tkun saret jew ingħatat volontarjament u ma ġietx imġiegħla jew meħuda b'theddid jew biża', jew b'wegħdiet jew twebbil ta' vantaġġi.

Fid-dawl ta' dawn il-prinċipji u tal-kunsiderazzjonijiet tagħha iżjed il'fuq, il-Qorti qegħda tiskarta t-tentattiv pjuttost fjakk tax-xhud Bjorn Dalli sabiex jiskolpa lill-imputat mill-imputazzjoni ta' traffikar tar-raża tal-*cannabis* u temmen illi l-verita` hija dik kontenuta fl-istqarrija oriġinali tal-istess Dalli, kif ikkonfermata minnu quddiem il-Maġistrat Inkwirenti.

Għaldaqstant, la darba l-ewwel imputazzjoni tirreferi għall-15 ta' Jannar 2010 u x-xhur ta' qabel din id-data u la darba wkoll Dalli xehed illi r-raża misjuba fil-pussess tiegħu kien akkwistaha mingħand l-imputat odjern ftit tal-jiem qabel l-arrest tiegħu fid-19 ta' Ġunju 2009 u illi kien ilu xhur jakkwista tali droga mingħand l-istess imputat, il-Qorti tqis illi din l-imputazzjoni tirriżulta sodisfaċentement ippruvata.

**Kunsiderazzjonijiet Dwar Piena**

Illi għal fini ta' piena il-Qorti qegħda tqis fl-ewwel lok il-fedina penali tal-imputat, kif aġġornata sa Novembru 2016, liema fedina penali tinkludi reati dwar pussess tad-droga eroina f'erba' okkażjonijiet, reati taħt il-Kap. 65 u 104 tal-Liġijiet ta' Malta u reati kontravenzjonali. Tqis ukoll illi l-aħħar reat jirrisali għas-sena 2002.

Tqis ukoll in-natura tal-imputazzjonijiet odjerni, partikolarment in-natura serja tal-ewwel imputazzjoni, kif ukoll iċ-ċirkostanzi tal-każ, inkluz illi Dalli akkwista r-raża tal-*cannabis* mingħand l-imputat odjern diversi drabi. Fir-rigward tat-tieni imputazzjoni, tqis l-ammont ta' raża tal-*cannabis* li nstabet fil-pussess tal-istess imputat. In oltre il-Qorti qegħda tapplika d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 17(f) tal-Kap. 9 fir-rigward taż-żewġ imputazzjonijiet.

Tqis ukoll illi l-każ odjern jirrisali għas-sena 2010 u li d-dewmien f'dawn il-proċeduri ma kienx imputabbli fil-maġġor parti tiegħu lill-imputat odjern.

In oltre stante illi ma tirriżultax prova fl-atti illi s-somma ta' €150 elevata mill-pussess tal-imputat kienet ġejja mid-droga, qed tordna r-rilaxx ta' din is-somma favur l-istess imputat.

**Konklużjoni**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 8(a) u 8(b), 22(1)(a), 22(2)(b)(i) u (ii) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, ir-Regolamenti 4 u 9 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 101.02 u l-Artikolu 17(f) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qed issib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u qed tikkundannah għall-piena ta' disa' xhur (9) priġunerija effettiva u multa ta' elf u ħames mitt ewro (€1,500) li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tista' titħallas mill-ħati f'rati mensili u konsekuttivi ta' mitt ewro (€100), bl-ewwel pagament isir fi żmien xahar mil-lum, b'dan illi jekk il-ħati jonqos milli jħallas pagament wieħed, il-bilanċ jiġi dovut minnufih u jiġi konvertit fi priġunerija skont il-liġi.

In oltre ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tikkundanna lill-ħati għall-ħlas tal-ispejjeż konnessi mal-esperti maħtura f'dawn il-proċeduri, u ċioe` l-ispejjeż konnessi mar-relazzjoni tax-Xjenzat Godwin Sammut, ammontanti għas-somma ta' mija, tnejn u sebgħin ewro u erba' ċenteżmi (€172.04) u l-ispejjeż konnessi mar-relazzjoni ta' Dr. Martin Bajada, ammontanti għas-somma ta' mitejn, tnejn u ħamsin ewro u erbgħin ċenteżmu (€252.40). Dawn l-ispejjeż ammontanti b'kollox għas-somma ta' erba' mija, erbgħa u għoxrin ewro u erbgħa u erbgħin ċenteżmu (€424.44) għandhom jitħallsu mill-ħati fi żmien xahrejn mil-lum.

Tordna d-distruzzjoni tad-droga formanti parti minn Dok. JF 3, hekk kif din is-sentenza tgħaddi in ġudikat, u dan taħt il-ħarsien tar-Reġistratur li għandu jirrediġi proċess verbal li jiddokumenta l-proċedura tad-distruzzjoni, liema dokument għandu

jiġi nserit fl-atti ta' din il-kawża mhux aktar tard minn ħmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Tordna r-rilaxx tas-somma ta' mija u ħamsin ewro (€150) esebita bħala Dok. JF 2 u tal-*mobile phone* formanti parti minn Dok. JF 3, favur il-ħati.

Tordna wkoll lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jinvestiga lil Bjorn Dalli in konnessjoni mar-reat ikkontemplat fl-Artikolu 104 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta u għal dan il-ghan, tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbagħat lill-Kummissarju tal-Pulizija.

Natasha Galea Sciberras
Maġistrat